# L-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea

# Ir-Rapport ta' Monitoraġġ għall-2011 tal-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli

## Sommarju eżekuttiv

# Sommarju eżekuttiv

L-iżvilupp sostenibbli huwa objettiv fundamentali u globali tal-Unjoni Ewropea, li l-għan tiegħu huwa li jtejjeb kontinwament il-kwalità tal-ħajja u l-benessri għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, billi jgħaqqad l-iżvilupp ekonomiku, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġustizzja soċjali.

*L-għan ġenerali tas-SŻS UE huwa li titjieb il-kwalità tal-ħajja*

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli (SŻS UE) tal-2006 tiddeskrivi kif l-UE se tidħol b'mod aktar effettiv għall-isfida tal-iżvilupp sostenibbi. L-għan ġenerali huwa li jinkiseb titjib kontinwu fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini permezz ta' komunitajiet sostenibbli, li jamministraw u jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti, u jisfruttaw il-potenzjal ekoloġiku u soċjali tal-innovazzjoni fl-ekonomija, filwaqt li jiżguraw il-prosperità, il-protezzjoni ambjentali u l-koeżjoni soċjali.

*L-użu ta' indikaturi sabiex jitkejjel il-progress, huwa parti integrali tal-istrateġija*

Il-kejl tal-progress lejn l-iżvilupp sostenibbli huwa parti integrali mis-SŻS UE, u huwa kompitu tal-Eurostat li jipproduċi rapport ta' monitoraġġ kull sentejn ibbażat fuq is-sett ta' indikaturi ta' żvilupp sostenibbli tal-UE (IŻS). Sa issa, l-Eurostat ippubblika tliet rapporti ta' monitoraġġ, fl-2005, fl-2007 u fl-2009. Dan ir-raba' rapport juri l-progress fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-istrateġija u l-isfidi ewlenin.

*Dan ir-rapport jivvaluta l-progress lejn il-miri u l-objettivi tas-SŻS UE.*

Is-SŻS jiddefinixxi l-objettivi u l-miri intenzjonati li jwasslu lill-Unjoni Ewropea lejn żvilupp sostenibbli. Meta wieħed iqis dawn l-objettivi u l-miri, dan ir-rapport jippreżenta valutazzjoni kwantitattiva ta' jekk l-UE hijiex miexja fid-direzzjoni t-tajba, kif ġie rifless fl-iżviluppi żvelati mill-IŻS UE.

## L-Unjoni Ewropea tinsab fit-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli?

Dan ir-rapport mhuwiex intenzjonat li jagħti valutazzjoni assoluta ta' jekk l-UE hijiex sostenibbli jew le, minħabba li ma hemmx kunsens politiku jew xjentifiku dwar x'se jkun dan l-istat ta' sostenibbiltà, jew dwar l-aħjar livelli ta' ħafna mill-indikaturi ppreżentati hawn. Pjuttost, l-għan tiegħu huwa li jwassal għal valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi u l-miri tas-SŻS UE, li huma maħsuba li jpoġġu lill-Unjoni Ewropea f'dik li ġiet imfissra b'mod impliċitu bħala t-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli. Ir-rapport jippreżenta valutazzjoni relattiva dwar jekk l-UE hijiex miexja fid-direzzjoni t-tajba, fid-dawl ta' dawn l-objettivi u l-miri. B'hekk, l-enfasi jkun fuq "l-iżvilupp sostenibbli" aktar milli "s-sostenibbiltà"[1].

Sabiex issir il-valutazzjoni dwar jekk sarx progress lejn l-iżvilupp sostenibbli, huwa tajjeb li jitqabblu r-riżultati tal-evalwazzjoni ta' xejriet fl-indikaturi ewlenin kif jidhru fir-rapport attwali, flimkien ma' dawk tar-rapport tal-2009[2]. Madankollu, hemm żewġ fatturi li jagħmlu dan it-tqabbil diffiċli. L-ewwel nett, l-istampa hija kkumplikata minħabba l-effetti ta' tħarbit tal-kriżi ekonomika u finanzjarja matul il-perjodu mill-2007 lil hawn. It-taqsima li ġejja f'dan il-kapitolu tipprova tiddeskrivi xi wħud minn dawn l-impatti. It-tieni, hemm bosta differenzi bejn is-settijiet ta' dejta, il-miri u l-metodoloġiji tal-evalwazzjoni użati fiż-żewġ rapporti. Bl-għan li jkun hemm kumpens għal dawn id-differenzi, l-

[1] Il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli għandu jingħaraf minn dak ta' sostenibbiltà. 'Sostenibbiltà' hija proprjetà ta' sistema, fejn tinżamm fi stat partikolari matul iż-żmien. Il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli jirreferi għal proċess li jinvolvi bidla jew żvilupp. L-għan tal-istrateġija huwa li "kontinwament jinkiseb titjib fil-kwalità tal-ħajja", u għalhekk, l-enfasi huwa fuq is-sostenn tal-proċess fit-titjib tal-benessri tal-bniedem. Aktar milli jfittex ekwilibriju stabbli, l-iżvilupp sostenibbli huwa kunċett dinamiku, li jagħraf li l-bidliet huma inerenti f'soċjetajiet tal-bniedem.

[2] [2] Eurostat, *Sustainable development in the European Union: 2009 monitoring report of the EU sustainable development strategy*, Luxembourg, Office for Official Publications of the European Union, 2009..

evalwazzjonijiet tar-rapport ta’ qabel ġew riveduti b’mod konformi mas-settijiet ta’ dejta u l-metodoloġiji użati fir-rapport attwali, u dawn jidhru fit-Tabella 1 flimkien mal-evalwazzjonijiet oriġinali tal-2009 u dawk tar-rapport attwali.

**Tabella 1: Tqabbil bejn l-evalwazzjonijiet tal-indikaturi ewlenin tal-2009 u ta’ din l-edizzjoni** [3]

| Tema tal-IŻS | Indikatur ewlieni | Rapport tal-2009 | Evalwazzjoni riveduta tal-2009 | Rapport attwali |
|---|---|---|---|---|
| Żvilupp soċjoekonomiku | PDG per capita reali |  |  |  |
| Produzzjoni u konsum sostenibbli | Produttività tar-riżorsi |  |  |  |
| Inklużjoni soċjali | Riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali |  |  |  |
| Bidliet demografiċi | Rata ta’ impjiegi ta’ ħaddiema kbar fl-età |  |  |  |
| Saħħa pubblika | L-istennija tal-għomor u s-snin ta’ ħajja b’saħħitha |  |  |  |
| Tibdil fil-klima u l-enerġija | Emissjonijiet ta’ gass bl-effett ta' serra |  |  |  |
| | Konsum ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli |  |  |  |
| Trasport sostenibbli | Konsum tal-enerġija tat-trasport relattiv għall-PDG |  |  |  |
| Riżorsi naturali | Abbundanza ta’ għasafar komuni |  |  |  |
| | Konservazzjoni ta’ stokkijiet ta’ ħut |  |  |  |
| Sħubija globali | Għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp |  |  |  |
| Governanza tajba | *[L-ebda indikatur ewlieni]* | : | : | : |

Minkejja li żewġ indikaturi ewlenin biss minn ħdax juru l-istess riżultat ta’ evalwazzjoni fiż-żewġ rapporti (stennija tal-għomor mit-tema "Saħħa pubblika" u l-indiċi tal-għasafar komuni mit-tema "Riżorsi naturali"), li kieku s-settijiet ta’ dejta, il-miri u l-metodoloġija ta’ evalwazzjoni attwali ntużaw fl-2009, l-evalwazzjoni ta’ seba’ indikaturi kienet tkun l-istess fiż-żewġ rapporti. Minbarra ż-ż-żewġ indikaturi diġà msemmija, dawn jinkludu ż-żewġ indikaturi ta’ "diżakkoppjar" (produttività tar-riżorsi u l-konsum tal-enerġija tat-trasport relattiv għall-PDG), ir-riskju tal-faqar u l-esklu\\joni socjali, il-konsum ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u l-konservazzjoni ta’ stokkijiet ta’ ħut.

Għalhekk, seħħew bidliet reali fil-każ tal-erbg]a indikaturi l-oħra. Minn dawn, is-sitwazzjoni saret inqas favorevoli għal żewġ indikaturi: il-PDG per capita reali u l-impjiegi ta’ ħaddiema kbar fl-età. Fuq in-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni saret iktar favorevoli għal \ew[ indikaturi, l-emissjonijiet ta’ gass bl-effett ta’ serra u l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp. Kif spjegat fit-taqsima li ġejja, il-kriżi ekonomika u finanzjarja kellha rwol f’bosta bidliet minn dawn.

B’mod ġenerali, iċ-ċirkustanzi indikati hawn fuq, jagħmluha diffiċli li ssir valutazzjoni dwar jekk sarx progress jew le, mir-rapport tal-2009 ’il quddiem. Madankollu, meta wieħed iqis li kważi nofs l-indikaturi ewlenin mixjin b’mod moderat f’direzzjoni sfavorevoli, għad ma jistax jiġi konkluż li l-Unjoni Ewropea tinsab fit-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli.

## L-impatti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali

Bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali li bdiet lejn l-aħħar tal-2007, l-UE ntlaqtet minn riċessjoni matul l-2008[4]. F’nofs l-2011, meta dan ir-rapport kien qed jiġi ffinalizzat, l-

[3] Spjega tal-metodu ta’ evalwazzjoni u t-tifsira tas-simboli tat-temp hija mogħtija fl-Introduzzjoni.
[4] Għall-analiżi aktar bir-reqqa tal-kriżi, irreferi għal: European Commission, Economic Crisis in Europe: Causes, Consequences and Responses, *European Economy*, No 7, 2009.

ekonomija tal-UE kienet għadha qed turi biss tkabbir bil-mod. L-impatt ta' dawn l-avvenimenti kien wieħed sever u jmur lil hinn sew mill-ekonomija, billi li jolqot bosta kwistjonijiet koperti mill-indikaturi ppreżentati f'din il-pubblikazzjoni. Din it-taqsima tippreżenta sommarju qasir tal-oqsma milquta matul il-perjodu li jibda mill-2007 u jibqa' għaddej, fejn possibbli, sal-2010. Għalkemm għalissa għadhom mhux ċari uħud mill-konsegwenzi, bħal pereżempju l-livelli baxxi ta' investiment, dawn jista' jkollhom effetti persistenti indiretti u fit-tul , li se jsiru evidenti biss f'rapporti aktar 'il quddiem.

Il-problemi ta' likwidità fis-settur bankarju, li bdew fl-2007, wasslu għal restrizzjoni tal-kreditu u l-waqgħa fil-prezzijiet tal-assi, waqt li wasslu għal domanda aktar baxxa mill-konsumatur (riflessa fl-indikatur "nefqa domestika"), żieda fit-"tfaddil domestiku", tnaqqis fl-"investiment" min-negozji u mill-familji, it-tnaqqis fil-kummerċ internazzjonali (rifless fl-indikatur "importazzjoni mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw"), u t-tnaqqis fil-"PDG per capita reali". Il-livelli ta' "dejn pubbliku" għolew b'mod drastiku. "Ir-rata tal-impjieg" naqset, b'mod partikolari fost il-ħaddiema żgħażagħ, waqt li l-irġiel intlaqtu iktar min-nisa ("impjieg għan-nisa"). It-tendenza ta' żieda fir-"rata ta' impjiegi għall-ħaddiema kbar fl-età" naqset. "Il-produttività tax-xogħol" waqgħet minħabba ż-żamma tal-impjiegi u t-tibdil fis-sigħat tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, "in-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp" żdiedet, peress li bosta pajjiżi taw spinta 'l quddiem lin-nefqa tagħhom f'tentattiv biex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir fuq perjodu itwal. B'reazzjoni għat-tnaqqis fid-domanda, il-produzzjoni indrustrijali waqgħet ukoll, bħalma jidher ċar fl-eżempju tal-"produzzjoni ta' kimiċi tossiċi".

Iż-żieda fil-"qgħad" u l-"qgħad fit-tul" kellu wkoll impatti soċjali. Minkejja li "r-riskju tal-faqar", b'mod ġenerali, naqas, dan kiber għall-grupp tal-età bejn il-25 u d-49 sena, u anke kiber xi ftit għal dawk ta' bejn it-18 u l-24 sena. "L-intensità tal-faqar" żdiedet ukoll, bħalma ġara fil-każ tas-"suwiċidji", speċjalment fost l-irġiel u l-persuni ta' mezza età. "Ir-rata bażika tal-migrazzjoni netta" waqgħet ukoll, probabbilment b'reazzjoni għad-diffikultà fis-sejba tal-impjiegi fl-UE. F'termini tal-ġlieda kontra l-faqar gobali, "il-finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw" waqa', minħabba t-tnaqqis fil-flussi minn donaturi privati, aktar milli minn sorsi uffiċjali jew l-NGOs.

Id-domanda għall-enerġija ("konsum tal-enerġija finali") waqgħet f'parallel mal-PDG. Dan il-konsum baxx wassal għal stabbilizzazzjoni fid-"dipendenza mill-enerġija" tal-UE, waqt li jikser it-tendenza twila lejn iż-żieda fid-dipendenza. "L-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra" u "l-emissjonijiet tal-atmosfera" li jniġġsu, li diġà kienu qed jonqsu, waqgħu b'rata aktar mgħaġġla.

It-trasport tal-merkanzija waqgħa b'rata iktar mgħaġġla mill-PDG (rifless fl-indikatur "volum tat-trasport tal-merkanzija relattiv għall-PDG"). Madankollu, x'aktarx minħabba tnaqqis aktar bil-mod fit-trasport tal-passiġġieri, il-konsum tal-enerġija tat-trasport waqgħa inqas mill-PDG ("konsum tal-enerġija tat-trasport relattiv għall-PDG"). "L-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra mit-trasport" waqgħu, u "l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu ($NO_x$) mit-trasport" u "l-emissjonijiet ta' materja partikulata mit-trasport" naqsu b'rata iktar mgħaġġla mis-snin ta' qabel. In-"numru ta' persuni maqtula f'inċidenti tat-traffiku" waqgħa wkoll, probabbilment b'riżultat ta' nuqqas ta' volumi tat-traffiku.

Ir-reazzjoni tal-pubbliku għall-kriżi, u kif ġiet ittrattata, hija riflessa fit-tnaqqis fil-"kunfidenza taċ-ċittadin fl-istituzzjonijiet tal-UE" u fin-"numru ta' persuni li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali".

## Il-progress lejn l-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea

Fost aktar minn 100 indikatur ippreżentati f'dan ir-rapport, 11 minnhom ġew identifikati bħala indikaturi ewlenin. L-għan tagħhom huwa li jagħtu stampa ġenerali dwar jekk l-UE kisbitx progress lejn l-iżvilupp sostenibbli, fit-termini tal-objettivi u l-miri definiti fis-SŻS UE. Evalwazzjoni tal-progress mill-2000 lil hawn, ibbażata fuq dawn l-indikaturi ewlenin, pjuttost turi stampa mħawda.

**Tabella 2: Evalwazzjoni tal-bidliet fl-indikaturi ewlenin** *(UE-27, mill-2000)* [5]

| Tema tal-IŻS | Indikatur ewlieni | UE-27 Evalwazzjoni tal-bidla |
|---|---|---|
| Żvilupp soċjoekonomiku | PDG per capita reali |  |
| Produzzjoni u konsum sostenibbli | Produttività tar-riżorsi |  |
| Inklużjoni soċjali | Riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (*) |  |
| Bidliet demografiċi | Rata ta' impjiegi ta' ħaddiema kbar fl-età |  |
| Saħħa pubblika | L-istennija tal-għomor u s-snin ta' ħajja b'saħħitha (**) |  |
| Tibdil fil-klima u l-enerġija | Emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra |  |
| | Konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (***) |  |
| Trasport sostenibbli | Konsum tal-enerġija tat-trasport relattiv għall-PDG |  |
| Riżorsi naturali | Abbundanza ta' għasafar komuni (****) |  |
| | Konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut |  |
| Sħubija globali | Għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp |  |
| Governanza tajba | *[L-ebda indikatur ewlieni]* | : |

(*) Mill-2005.
(**) Mill-2002.
(***) Mill-2006.
(****) Aggregat tal-UE bbażat fuq 19-il Stat Membru.



### *Bidliet favorevoli ċari*

L-iżviluppi riċenti jistgħu jitqiesu bħala favorevoli għall-indikatur ewlieni bit-tema l-"inklużjoni soċjali", b'inqas u inqas persuni li jinsabu f'**riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali**. Bejn l-2008 u l-2009, madwar żewġ miljun persuna nħarġu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.

*Bejn l-2008 u l-2009, madwar żewġ miljun persuna nħarġu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.*

Il-bidliet jistgħu jiġu evalwati wkoll bħala favorevoli b'mod ċar għaż-żewġ indikaturi ewlenin relatati mat-"tibdil fil-klima u l-enerġija". Bejn l-2000 u l-2009, **l-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra** tal-UE waqgħu b'mod sinifikanti, u li x'aktarx iwasslu biex jiġu sodisfatti kemm l-impenji ta' Kjoto tal-UE-15 (li jirreferu għal tnaqqis ta' 8 % sal-2008-12), kif ukoll il-mira tal-UE-27 li jonqsu l-emissjonijiet b'20 % sal-2020, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Minħabba l-bidliet fil-metodoloġija, id-dejta għat-tieni indikatur ewlieni tal-**konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli** huma disponibbli biss bejn l-2006 u l-2008. Madankollu, jekk il-pass attwali tal-bidla jista' jinżamm matul dan il-perjodu qasir, l-UE x'aktarx se tissodisfa l-mira li tilħaq is-sehem ta' 20 % ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija finali gross stabbilit għall-2020.

*X'aktar li se jiġu sodisfatti l-miri tal-2020, għaż-żewġ indikaturi ewlenin għat-"tibdil fil-klima u l-enerġija".*



### *Bidliet moderatament favorevoli*

Il-bidliet moderatament favorevoli jistgħu jiġu osservati għall-indikaturi ewlenin relatati mal-"iżvilupp soċjoekonomiku" u "s-saħħa pubblika", kif ukoll għal wieħed miż-żewġ indikaturi ewlenin tar-"riżorsi naturali".

*Bidliet moderatament favorevoli għall-*

[5] Spjega tal-metodu ta' evalwazzjoni u t-tifsira tas-simboli tat-temp hija mogħtija fl-Introduzzjoni.

*indikaturi ta' 'PDG per capita reali', 'l-istennija tal-għomor' u 'l-indiċi ta' għasafar komuni'.*

Rigward l-"iżvilupp soċjoekonomiku", l-indikatur ewlieni tal-**PDG per capita reali** żdied b'medja ta' 0.9 % kull sena bejn l-2000 u l-2010, minkejja li l-kriżi ekonomika u r-riċessjoni sussegwenti tal-2009 wassluh biex jaqa' qrib il-livell tal-2005. It-tkabbir bil-mod ġie esperjenzat matul l-2010 għall-UE kollha, u f'nofs l-2011, meta dan ir-rapport kien qed jiġi ffinalizzat, l-ekonomija tal-UE kienet qed turi biss tkabbir bil-mod.

Fir-rigward tas-"saħħa pubblika", id-dejta dwar **l-istennija tal-għomor** fl-UE jindikaw xi progress fl-estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-popolazzjoni tal-UE. Tifla mwielda fl-2008 tkun mistennija li tgħix għal medja ta' 82.4 snin, u tifel, 76.4.

Id-dejta dwar **l-abbundanza ta' għasafar komuni**, wieħed mill-indikaturi ewlenin bit-tema r-"riżorsi naturali" juri li l-indiċi tal-għasafar komuni kollha kiber bi ftit, minkejja li n-numru ta' għasafar tar-raba' naqas b'mod sfavorevoli bejn l-2000 u l-2008.

### *Bidliet moderatament sfavorevoli*

*Madwar nofs l-indikaturi ewlenin juru tendenzi moderatament sfavorevoli*

Ħames indikaturi ewlenin minn ħdax tal-IŻS UE juru bidliet moderatament sfavorevoli , inklużi dawk relatati mal-"konsum sostenibbli u l-produzzjoni", il-"bidliet demografiċi", it-"trasport sostenibbli" u s-"sħubija globali", kif ukoll wieħed miż-żewġ indikaturi ewlenin bit-tema tar-"riżorsi naturali".

L-indikatur ewlieni għall-"konsum sostenibbli u l-produzzjoni" juri xejra moderatament sfavorevoli  għall-perjodu bejn l-2000 u l-2007. Minkejja li ż-żieda fil-**produttivita tar-riżorsi** turi li l-UE saret aktar effiċjenti fil-mod kif tuża r-riżorsi tagħha, id-domanda għall-materjali (u l-pressjonijiet ambjentali assoċjati) baqgħu jiżdiedu.

*Il-produttività tar-riżorsi żdiedet, iżda l-istess għamel il-konsum tal-materjali*

Rigward il-"bidliet demografiċi" fl-UE, iż-żieda **fir-rata tal-impjiegi ta' ħaddiema kbar fl-età**, sal-2008 kienet qed toqrob lejn il-mira ta' 50 % tal-2010. Madankollu, bħala konsegwenza tal-kriżi, it-tkabbir kien kważi ntemm fl-2009 u fl-2010, u rriżulta f'rata ta' impjieg ta' madwar 46 % fl-2010, u għalhekk ma ntlaħqitx il-mira.

*L-UE ma laħqitx il-mira stabbilita għall-2010 ta' 50 % ta' impjiegi għall-ħaddiema kbar  fl-età*

Fir-rigward tal-"produttività tar-riżorsi"', il-**proporzjon tal-konsum tal-enerġija tat-trasport għal kull unità tal-PDG** naqas moderatament bejn l-2000 u l-2009. Madankollu, u minkejja l-waqgħa sinifikanti minħabba l-kriżi tal-2009, il-konsum tal-enerġija tat-trasport kiber mill-2000 lil hawn, għalkemm għamel dan b'rata inqas mgħaġġla minn dik tal-ekonomija. Bilkemm jidher diżakkoppjar tal-konsum tal-enerġija tat-trasport mill-iżvilupp ekonomiku.

*Bilkemm jidher diżakkoppjar tal-konsum tal-enerġija tat-trasport mill-iżvilupp ekonomiku*

Rigward il-**konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut**, wieħed miż-żewġ indikaturi ewlenin bit-tema tar-"riżorsi naturali", it-total tal-qabdiet tal-ħut 'il barra mil-limiti bijoloġiċi siguri laħaq kważi l-24 % fl-2009. Minkejja li dan jista' jidher bħala titjib meta mqabbel ma' sehem ta' madwar 37 % fl-2000, il-qabda globali tal-ħut xorta waħda qabżet il-livelli sostenibbli ta' esplojtazzjoni.

*Il-qabiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal xorta qabżu l-livelli sostenibbli ta' esplojtazzjoni*

Fir-rigward tal-impenji internazzjonali tal-UE, is-sehem tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) li nefqet l-UE fuq **għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp** għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, baqa' kważi stabbli bejn l-2005 u l-2010 b'madwar 0.4 % tad-DNG. Għalhekk, l-UE ma kisbitx il-mira intermedja tagħha ta' 0.56 % fl-2010, u lanqas ma hija fit-triq li tikseb il-mira li tiddedika 0.7 % tad-DNG tagħha lill-ODA sal-2015. Madankollu, ta' min jinnota li ħafna mill-indikaturi l-oħra bit-tema tas-"sħubija globali" juru aktar tendenza favorevoli.

*L-UE mhijiex fit-triq li tilħaq il-mira tagħha ta' 0.7 % tad-DNG lill-ODA sal-2015.*

*Bidliet sfavorevoli ċari*

L-ebda indikatur ewlieni ma juri bidliet sfavorevoli b'mod ċar – dan jissuġġerixxi li l-Unjoni Ewropea għamlet ftit progress fit-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, meta wieħed iqis l-indikaturi addizzjonali fi ħdan it-temi individwali tas-sett tal-IŻS, xorta għad hemm numru ta' bidliet sfavorevoli ċari, u l-istampa ġenerali tista' tkun inqas pożittiva milli l-impressjoni mogħtija meta wieħed iħares lejn l-indikaturi ewlenin waħidhom.

*Ebda indikatur ewlieni*

It-tema tal-"governanza tajba" ma tinkludi l-ebda indikatur ewlieni, għax l-ebda indikatur ma jitqies bħala qawwi biżżejjed u rilevanti għall-politika, biex jippreżenta ħarsa ġenerali komprensiva tal-kunċett ta' governanza tajba.

## Ħarsa ġenerali ddettaljata tal-bidliet ewlenin

Waqt li l-indikaturi ewlenin jagħtu ħarsa ħafifa lejn il-progress fl-isfidi ewlenin tas-SŻS UE, għal stampa aktar kompleta u sfumata huwa neċessarju li tingħata ħarsa lejn tema wara l-oħra tal-progress kollu muri mill-indikaturi.

### Żvilupp soċjoekonomiku

Ħafna mit-tendenzi fit-tul fit-tema tal-iżvilupp soċjoekonomiku ġew influwenzati, pożittivament jew negattivament, mill-kriżi ekonomija u finanzjarja globali riċenti. F'dan ir-rigward, it-tendenzi marru għall-agħar għal żmien qasir, b'mod partikolari fl-investimenti, l-impjieg u l-qgħad, u kif ukoll fil-PDG per capita reali u l-produttività tax-xogħol, anke jekk dawn l-aħħar tnejn reġgħu ħadu spinta. Min-naħa l-oħra, beda jidher xi titjib fin-nefqa għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-intensità tal-enerġija, u għal żmien qasira fit-tfaddil domestiku.

**Tabella 3: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tal-iżvilupp soċjoekonomiku** (UE-27, mill-2000)

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Żvilupp ekonomiku** | |
| PDG per capita reali | Investiment | Differenzi reġjonali fil-PDG<br>Tfaddil domestiku |
| | **Kompetittività, innovazzjoni u ekoeffiċjenza** | |
| | Produttività tax-xogħol | Nefqa tar-riċerka u l-iżvilupp<br>Intensità tal-enerġija |
| | **Impjiegi** | |
| | Impjiegi | Impjiegi tan-nisa<br>Differenzi reġjonali fl-impjiegi<br>Qgħad |

*Indikatur ewlieni*

Bejn l-2000 u l-2010, il-PDG per capita reali għall-UE in ġenerali kiber b'medja ta' 0.9 % fis-sena, iżda kien hemm differenzi kbar fir-rata tat-tkabbir mal-UE kollha. Matul it-titjib ekonomiku mill-2003 sal-2007, ir-rati tat-tkabbir telgħu għal 2.7 %, għalkemm bosta pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa kibru aktar malajr. Madankollu, b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika, il-PDG per capita waqaf fl-2008 u waqa' drastikament b'-4.6 % fl-2009. L-aktar li ntlaqtu mill-kriżi kienu l-Istati Membri fil-Lvant tal-Ewropa li kienu qed jikbru b'pass mgħaġġel. Ġie esperjenzat tkabbir bil-mod fl-UE in ġenerali u f'ħafna mill-Istati Membri matul l-2010, għalkemm l-Irlanda, il-Greċja, Spanja u r-Rumanija esperjenzaw tkabbir

*Perjodu ta' tkabbir ekonomiku veloċi waqaf mal-kriżi finanzjarja*

*Tkabbir bil-mod fl-2010*

negattiv.

### *Żvilupp ekonomiku*

Bejn l-2000 u l-2009, is-sehem tal-investiment fil-PDG segwa ċ-ċiklu ekonomiku (b'mod partikolari minħabba l-investiment tan-negozji). Wara li laħaq il-quċċata b'21.7 % fl-2007, matul l-2008 u l-2009 waqa' għal-livell ta' 19.4 %, prinċipalment minħabba tnaqqis fl-investiment tan-negozji minħabba l-kriżi ekonomika.

*L-investiment baqa' relattivament stabbli, espress bħala sehem tal-PDG*

Id-differenzi reġjonali fil-PDG fl-UE naqsu minn 35.5 % għal 32.7 % matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2007. Flimkien mat-tnaqqis tad-differenzi reġjonali fl-impjiegi, dan jissuġġerixxi konverġenza dejjem akbar fir-reġjuni tal-UE. Id-differenzi fil-pajjiż innifsu tal-PDG reġjonali baqgħu għoljin, b'mod partikolari fl-Istati Membri fil-Lvant tal-Ewropa, fejn it-tranżizzjoni rapida fl-ekonomiji tas-suq, wasslet għat-tqassim ta' ġid aktar u aktar żbilanċjat.

*Id-differenzi reġjonali fl-attività ekonomika naqsu*

Għall-biċċa l-kbira tal-perjodu bejn l-2000 u l-2010, it-tfaddil domestiku bħala sehem mid-dħul disponibbli fl-UE naqas b'rata kostanti; madankollu, kiber bi ftit fl-2008 u kompla jikber b'mod konsiderevoli fl-2009, b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja. Fl-2010, il-livell tat-tfaddil domestiku reġa' naqas għal kważi l-livelli tal-2004. Id-differenzi bejn l-Istati Membri jibqgħu sinifikanti.

*Ir-rata tat-tfaddil rat progress b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika*

### *Innovazzjoni, kompetittività u ekoeffiċjenza*

Il-produttività tax-xogħol fl-UE telgħet b'medja ta' 1.1 % fis-sena bejn l-2000 u l-2010. Għalkemm kibret b'sa 1.7 % jew 1.8 % fis-sena f'bosta snin, l-aktar minħabba l-irkupru tal-Istati Membri fil-Lvant tal-Ewropa, bdiet tinżel fl-2008 waqt li waqgħet b'1.2 % fl-2009. Fl-2010 kibret b'1.6 %.

*Il-produttività tax-xogħol naqset mal-kriżi*

Għall-biċċa l-kbira tal-perjodu bejn l-2000 u l-2009, is-sehem tan-nefqa għar-Riċerka u l-Iżvilupp milil-PDG baqgħet relattivament stabbli għall-UE in ġenerali, bejn 1.8 % u 1.9 %. Fl-2008 u l-2009, in-nefqa għar-Riċerka u l-Iżvilupp tjiebet bi ftit.

*In-nefqa għar-Riċerka u l-Iżvilupp waqgħet lura fit-triq tal-mira*

Bejn l-2000 u l-2009, l-intensità tal-enerġija tal-UE naqset b'rata kostanti, f'xi snin anke bi 2.5 %, u dan irriżulta f'diżakkoppjar assolut tal-konsum tal-enerġija gross intern mit-tkabbir tal-PDG.

*Diżakkoppjar assolut tal-konsum tal-enerġija mit-tkabbir ekonomiku*

### *Impjiegi*

Ir-rata tal-impjiegi fl-UE għoliet minn 66.6 % fl-2000 għal 70.4 % fl-2008, iżda waqgħet lura għal 68.6 % sal-2010. Kienu affettwati b'mod partikolari l-irġiel, il-ħaddiema żgħażagħ u l-persuni b'livell ta' edukazzjoni baxx.

*Il-progress lejn il-mira ta' 75 % f'impjieg ġie mxekkel mill-kriżi ekonomika*

Matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2010, l-impjiegi għan-nisa għolew b'rata kostanti minn 57.3 % għal 62.1 %, u għalhekk naqsu d-differenza bejn is-sessi. Id-differenzi konsiderevoli jibqgħu bejn l-Istati Membri.

*Id-differenzi bejn is-sessi fl-impjieg u l-qgħad qed jonqsu*

Id-differenzi reġjonali fl-impjiegi naqsu minn 13.0 % fl-2000 għal 11.8 % fl-2009. Inkiseb titjib mill-pożizzjoni progressiva aktar stabbli tan-nisa fl-ekonomiji reġjonali.

Bħala medja, ir-rata tal-qgħad żdiedet fl-UE bejn l-2000 u l-2010. Minkejja li waqgħet għal livelli baxxi wara l-progress ekonomiku ta' bejn l-2003 u l-2007, b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika reġgħet għoliet fl-2009 u stabbilizzat ruħha fl-2010, għal livelli ogħla minn dawk tal-2000.

*Il-kisbiet fil-ġlieda kontra l-qgħad ġew imxekkla mill-kriżi ekonomika*

## Produzzjoni u konsum sostenibbli

Il-bidliet fix-xejriet tal-konsum u l-produzzjoni sa mill-2000 juru tendenzi sfavorevoli ħafna, iżda juru xi tendenzi wisq favorevoli wkoll. Minn naħa waħda, il-konsum tal-materjali u l-elettriku, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' skart perikoluż, qed ikomplu jiżdiedu (it-tnejn li huma f'termini assoluti u fuq bażi per capita). Min-naħa l-oħra, naqsu wkoll il-konsum finali tal-enerġija u l-ammont ta' skart mhux minerali ġġenerat fl-UE, waqt li għola n-numru tal-iskart irriċiklat jew mibdul f'kompost. Barra minn hekk, kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' sustanzi importanti li jniġġsu l-arja, u kien hemm progress relatat max-xejriet ta' produzzjoni rigward id-dimensjoni ekoloġika tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, u lejn prattiki agrikoli li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

**Tabella 4: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| Produttività tar-riżorsi | **L-użu u l-iskart tar-riżorsi** | |
| | Skart mhux minerali (*) | Konsum domestiku ta' materjal<br>Skart perikoluż (*)<br>Skart muniċipali rriċiklat u mibdul f'kompost<br>Emissjonijiet fl-atmosfera |
| | **Xejriet ta' konsum** | |
| | Konsum tal-enerġija fid-djar | : Numru ta' persuni li jgħixu fi djar<br>: Nefqa domestika<br>Konsum finali tal-enerġija<br>Pussess ta' karozza |
| | **Xejriet ta' produzzjoni** | |
| | Sistemi ta' ġestjoni tal-ambjent (**) | Ekotikkettar<br>: Art taħt impenn agroambjentali<br>Biedja organika (***)<br>Indiċi tad-densità fit-trobbija tal-bhejjem (**) |

(*) Mill-2004.
(**) Mill-2003.
(***) Mill-2005.

### *Indikatur ewlieni*

*Diżakkoppjar relattiv biss tal-użu tar-riżorsi mit-tkabbir ekonomiku*

L-iżviluppi fil-produttività tar-riżorsi (ikkalkulati bħala l-proporzjon bejn il-PDG u l-konsum domestiku ta' materjal), kienu moderatament sfavorevoli għall-perjodu bejn l-2000 u l-2007. Minkejja li żieda fil-produttività tar-riżorsi bejn l-2000 u l-2007 tindika li l-UE saret aktar effiċjenti fil-mod kif tuża r-riżorsi tagħha (il-PDG kiber b'rata aktar mgħaġġla mill-konsum domestiku ta' materjal), id-domanda għall-materjali (u l-pressjonijiet ambjentali assoċjati) komplew jiżdiedu. Id-diżakkoppjar tal-użu tar-riżorsi mit-tkabbir ekonomiku kien għalhekk relattiv biss.

### *L-użu u l-iskart tar-riżorsi*

*Il-konsum tal-materjali jkompli jiżdied*

Il-konsum domestiku ta' materjal żdied b'mod moderat f'termini assoluti u fuq bażi per capita matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2007. Dan kien immexxi minn żieda fl-estrazzjoni domestika u l-importazzjonijiet li rriżultaw minn żieda fid-domanda għall-minerali.

*L-immaniġġjar tal-iskart jitjieb, għalkemm żdied l-iskart perikoluż*

Il-ġenerazzjoni tal-iskart turi tendenzi kemm favorevoli kif ukoll sfavorevoli. Minn naħa waħda, il-ġenerazzjoni tal-iskart mhux minerali fl-UE naqset bejn l-2004 u l-2008, u t-trattament tal-iskart muniċipali ċċaqlaq b'mod sinifikanti lejn

ir-riċiklaġġ u l-bdil f'kompost bejn l-2000 u l-2009. Min-naħa l-oħra, il-ġenerazzjoni tal-iskart perikoluż żdiedet b'mod konsiderevoli bejn l-2004 u l-2008.

*Tnaqqis tal-emissjonijiet fl-atmosfera*

L-emissjonijiet fl-atmosfera li jsiru mill-bniedem tal-ossidi tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili mhux metaniċi u l-ammonja kollha waqgħu b'mod konsiderevoli bejn l-2000 u l-2008.

### *Mudelli ta' konsum*

*Aktar djar iżda iżgħar, b'infiq li jkompli jiżdied*

In-nefqa domestika fl-UE żdiedet b'rata kostanti bejn l-2000 u l-2007, iżda bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika waqgħet bi ftit fl-2008 u l-2009. Bl-istess mod, naqas in-numru ta' persuni kull dar, u dan juri tendenza kontinwa lejn żieda fid-djar, iżda li huma iżgħar.

*Il-konsum finali tal-enerġija naqas fl-2009*

Bejn l-2000 u l-2009, il-konsum domestiku tal-elettriku żdied b'mod sostanzjali, iżda l-konsum finali tal-enerġija naqas bi ftit, l-aktar b'konsegwenza tal-kriżi ekonomika.

*Aktar u aktar karozzi fit-toroq*

Bejn l-2000 u l-2009 in-numru ta' karozzi tal-passiġġieri għal kull 1,000 abitant kien għadu qed jiżdied, għalkemm b'pass inqas mgħaġġel milli matul l-1990 u l-2000.

### *Mudelli ta' produzzjoni*

*Żieda fil-liċenzji ta' ekotikkettar u organizzazzjonijiet iċċertifikati b'sistema ta' mmaniġġjar ambjentali*

In-negozji Ewropej qed ikomplu jintegraw tħassib soċjali u ambjentali fl-operat u fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet interessati fuq bażi volontarja, li huwa kunċett magħruf bħala "responsabbiltà soċjali korporattiva". In-numru ta' organizzazzjonijiet li implimentaw sistema ta' mmaniġġjar ambjentali ċċertifikata skont ir-Regolament dwar l-"Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi", żdied b'mod sinifikanti bejn l-2003 u l-2010. B'żieda ma' dan, in-numru ta' liċenzji ta' ekotikkettar żdied konsiderevolment bejn l-2000 u l-2010, iżda l-ishma tas-suq tal-prodotti relatati jibqgħu baxxi.

*Sinjali ta' deintensifikazzjoni agrikola*

Fir-rigward tal-produzzjoni agrikola sostenibbli fl-UE, is-sehem tal-art agrikola skont l-impenji agroambjentali u s-sehem tal-biedja organika fit-total tal-art agrikola użata, żdiedu notevolment sal-2009. B'żieda ma' dan, in-numru ta' unitajiet ta' trobbija ta' bhejjem għal kull ettaru wera tnaqqis favorevoli bejn l-2003 u l-2007.

## Inklużjoni soċjali

It-tendenzi osservati fit-tema tal-inklużjoni soċjali sa mill-2000 huma b'mod ġenerali pjuttost inkoraġġanti, speċjalment f'termini tat-tnaqqis tal-faqar. Kien hemm żvilupp favorevoli ċar fir-riskju ġenerali tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Dan huwa rifless b'mod partikolari fin-numru ta' persuni f'riskju ta' tiċħid materjali qawwi, u n-numru ta' persuni li jgħixu fid-djar b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol. Kien hemm ukoll żvilupp favorevoli ċar fit-tnaqqis tan-numru ta' adulti b'livell ta' edukazzjoni baxx, u fid-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa (id-disparità fil-ħlas bejn is-sessi ). Barra minn hekk, kien hemm żvilupp moderatament favorevoli fir-riskju ta' faqar monetarju, l-intensità tal-faqar, l-inugwaljanzi fid-dħul u l-qgħad fit-tul. Madankollu, kien hemm ukoll għadd ta' żviluppi sfavorevoli. In-numru ta' ħaddiema fqar żdied u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja naqas, u b'hekk il-mira stabbilita għall-2010 ma ntlaħqitx, waqt li huwa neċessarju aktar progress fit-tnaqqis ta' studenti li jħallu l-iskola ta' età żgħira u tal-istudenti b'livell baxx ta' ħiliet fil-qari u l-kitba.

**Tabella 5: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tal-inklużjoni soċjali** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| Riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (*) | **Il-faqar monetarju u l-kundizzjonijiet tal-għajxien** | |
| | Riskju tal-faqar wara t-trasferimenti soċjali (*) | Intensità tal-faqar (*) |
| | Tiċħid materjali qawwi (*) | Inugwaljanzi fid-dħul (*) |
| | **Aċċess għas-suq tax-xogħol** | |
| | Djar li għandhom intensità ta’ xogħol baxxa ħafna (*) | Ħaddiema fqar (*)<br>Qgħad fit-tul<br>Disparità fil-ħlas bejn is-sessi (**) |
| | **Edukazzjoni** | |
| | Studenti li jħallu l-iskola ta’ età żgħira | Adulti b’livell ta' edukazzjoni baxx<br>Tagħlim tul il-ħajja (***)<br>Studenti b’livell baxx ta’ ħiliet fil-qari u l-kitba |

(*) Mill-2005.
(**) Mill-2006.
(***) Mill-2003.

### *Indikatur ewlieni*

Bejn l-2008 u l-2009, madwar żewġ miljun persuna nħarġu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Dan inkiseb primarjament minn tnaqqis fin-numru ta’ persuni li jbatu minn tiċħid materjali qawwi.

*Bejn l-2008 u l-2009, madwar żewġ miljun persuna nħarġu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.*

### *Il-faqar monetarju u l-kundizzjonijiet tal-għajxien*

In-numru ta’ persuni f’riskju tal-faqar wara trasferimenti soċjali naqas biss bi ftit mill-2005 lil hawn, iżda n-numru ta’ persuni li jbatu minn tiċħid materjali qawwi naqas b’mod sostanzjali, u ħafna mill-Istati Membri jinsabu f’livell ma’ din ix-xejra favorevoli. Id-diskrepanza bejn id-dħul ta’ persuni foqra u l-faqar (l-intensità tal-faqar) tnaqqset bi ftit, u l-inugwaljanza fid-dħul naqas b’mod marġinali.

*Tnaqqis żgħir fin-numru ta’ persuni f’riskju ta’ faqar monetarju*
*Inqas tiċħid materjali*

### *Aċċess għas-suq tax-xogħol*

Bejn l-2005 u l-2009, in-numru ta’ persuni li jgħixu fi djar b’intensità ta’ xogħol baxxa ħafna naqas fl-UE in ġenerali u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Filwaqt li n-numru ta’ qgħad fit-tul naqas tassew bi ftit mill-2000 lil hawn, in-numru ta’ persuni, li minkejja li huma impjegati, jinsabu f’riskju tal-faqar, (ħaddiema fqar) żdied bejn l-2005 u l-2009. Id-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa naqset b'mod sinifikanti bejn l-2006 u l-2009, iżda mhux f'kull Stat Membru.

*Ftit inqas qgħad fit-tul, iżda aktar ħaddiema fqar*

### *Edukazzjoni*

In-numru ta’ studenti li jħallu l-iskola ta’ età żgħira naqas fl-UE, iżda huwa meħtieġ aktar progress sabiex tintlaħaq il-mira għall-2020. Sa mill-2003, sar ukoll progress fil-parteċipazzjoni ta’ tagħlim tul il-ħajja, iżda l-mira għall-2010 ma ntlaħqitx. In-numru ta’ adulti b’livell ta' edukazzjoni baxx naqas b’rata

*Għadd ta’ xejriet favorevoli, iżda l-mira għall-2010 għal tagħlim tul*

kostanti, u x-xejra ta' qabel li kienet sejra għall-agħar ta' studenti b'livell baxx ta' ħiliet fil-qari u l-kitba nqalbet fl-2009, għalkemm huwa insuffiċjenti li tiġi ssodisfata l-mira għall-2010.

*il-ħajja ma ntlaħqitx.*

## Bidliet demografiċi

L-indikaturi demografiċi dwar l-istennija tal-għomor u l-fertilità, kif ukoll dawk relatati mad-dħul adegwat f'età kbira, kienu qed jiżviluppaw b'mod favorevoli. Madankollu, anke jekk sar progress sostanzjali, il-mira għall-2010 dwar l-impjiegi ta' ħaddiema kbar fl-età ma nkisbitx. Barra minn hekk, l-indikaturi li jissorveljaw is-sostenibbiltà ta' finanzi pubbliċi żviluppaw b'mod sfavorevoli. Pereżempju l-livelli ta' dejn pubbliku żdiedu b'medja fl-UE kollha minn 62.3 % fl-2008 għal 80 % fl-2010, u sar biss progress bil-mod fiż-żieda tal-età medja tal-irtirar.

**Tabella 6: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tal-bidliet demografiċi** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Demografija** | |
| Rata ta' impjiegi ta' ħaddiema kbar fl-età | Stennija tal-għomor fl-età ta' 65 (fl-irġiel) (*)<br>Stennija tal-għomor fl-età ta' 65 (fin-nisa) (*) | Rata ta' fertilità (*)<br>: Migrazzjoni<br>: Popolazzjoni ta' anzjani meta mqabbla mal-popolazzjoni tal-ħaddiema |
| | **Dħul adegwat f'età kbira** | |
| | Livell ta' dħul għall-persuni ta' aktar minn 65 sena meta mqabbel ma' qabel (**) | Riskju tal-faqar għall-persuni ta' aktar minn 65 sena (**) |
| | **Sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi** | |
| | Dejn pubbliku | Età tal-irtirar (***)<br>: Nefqa għall-kura tal-anzjani<br>: L-impatt tax-xjuħija fuq in-nefqa pubblika |

(*) Mill-2002.
(**) Mill-2005.
(***) Mill-2001.

### *Indikatur ewlieni*

Il-mira li nofs il-ħaddiema kbar fl-età jkunu impjegati ma ntlaħqitx fl-2010. Madankollu, il-parteċipazzjoni ta' ħaddiema kbar fl-età fis-suq tax-xogħol żdiedet matul il-perjodu kollu, u dan se jgħin biex inaqqas id-domanda għan-nefqa fuq il-pensjonijiet.

*Minkejja li l-mira għall-2010 ma ntlaħqitx, aktar ħaddiema kbar fl-età huma impjegati*

### *Demografija*

L-istennija tal-għomor fl-età ta' 65 sena żdiedet kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa bejn l-2002 u l-2008. Ir-rata tat-tiġdid tal-popolazzjoni żdiedet ukoll bi ftit, iżda tibqa' taħt ir-rata ta' sostituzzjoni, u, flimkien mal-istennijiet ta' ħajja itwal, tindika li l-popolazzjoni tal-ħaddiema tista' tkompli tonqos skont il-popolazzjoni li rtirat.

L-immigrazzjoni fl-UE taqbeż l-emigrazzjoni, għalkemm naqset sew bejn l-2007 u l-2009. Il-proporzjon ta' persuni anzjani mal-popolazzjoni tal-ħaddiema żdied bejn l-2000 u l-2010, minn 23.2 % għal 25.9 %. U dan huwa maħsub li jkompli jiżdied biex sal-2060 jilħaq aktar minn 50 persuna bl-età ta' 65 sena jew aktar, għal kull 100 persuna tal-età tax-xogħol. Żieda fil-proporzjon tad-dipendenza

*Il-proporzjon tal-popolazzjoni attiva mal-popolazzjoni inattiva jista' jkompli jonqos, bil-konsegwenzi potenzjali għas-sostenibbiltà ta' finanzi pubbliċi*

minħabba l-kobor fl-età, flimkien mal-etajiet baxxi tal-irtirar, se titfa' pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi, skont il-livell ta' finanzjament fi ħdan pensjonijiet iggarantiti mill-istat.

### *Dħul adegwat f'età kbira*

Il-livell tad-dħul mill-pensjonijiet ta' persuni b'età bejn il-65 u l-74, meta mqabbel mal-livell tad-dħul mill-qligħ ta' dawk b'età bejn il-50 u d-59, baqa' stabbli b'51 % bejn l-2005 u l-2009. Ir-riskju tal-faqar għall-persuni li għandhom aktar minn 65 sena naqas bejn l-2000 u l-2009, kif ġara wkoll f'nofs id-disgħinijiet.

*Il-livelli medji tal-pensjoni jibqgħu adegwati u naqas ir-riskju tal-faqar għall-anzjani*

### *Sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi*

Matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2007, il-livell ta' dejn pubbliku naqas b'suċċess meta niżel kemxejn taħt is-60 % tal-marka ta' referenza tal-UE fl-2007. Iżda wara l-2007, mal-bidu tal-kriżi finanzjarja, id-dejn pubbliku żdied għal livelli ogħla minn dawk ta' nofs id-disgħinijiet u laħaq it-80 % fl-2010.

*Il-kriżi ekonomika attwali qed titfa' pressjoni kbira fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi*

Minkejja li kien hemm żieda fir-rata ta' impjiegi ta' ħaddiema kbar fl-età (ara l-indikatur ewlieni), ir-rata ta' żieda fl-età medja tal-irtirar naqset, fejn x'aktarx ma tintlaħaqx il-mira għall-2010 stabbilita fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona fl-2002. In-nefqa għall-kura tal-anzjani bħala sehem mill-PDG, wara li żdiedet bejn l-2000 u l-2005, naqset bejn l-2005 u l-2007 qabel ma fl-2008 naqset għal livell aktar favorevoli minn dak tal-2000.

Kemm il-popolazzjoni li qed tixjieħ, kif ukoll l-istruttura tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali fi ħdan l-Istati Membri, qed jitfgħu pressjoni fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-bidliet maħsuba fil-proporzjon tas-sostituzzjoni tad-dħul u n-nefqa pubblika għall-pensjoni, jindikaw l-impatt potenzjali fil-futur ta' popolazzjoni li qed tixjieħ.

## Saħħa pubblika

L-iżviluppi fit-tema tas-saħħa pubblika mill-2000 lil hawn jippreżentaw stampa ġeneralment favorevoli. L-indikatur ewlieni juri li b'mod ġenerali, il-persuni qed jgħixu aktar. It-titjib jidher fit-tnaqqis ta' mwiet minħabba mard kroniku, suwiċidji, il-produzzjoni ta' kimiċi tossiċi, irritazzjoni minħabba l-istorbju, u inċidenti serji fuq il-post tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, mhux kulħadd bbenefika mit-titjib, u għad hemm inugwaljanzi importanti fis-saħħa u fl-aċċess għall-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, għad baqa' sfidi relatati mad-determinanti ambjentali tas-saħħa. Minn wara s-sena 2000, iċ-ċittadini tal-UE kienu aktar esposti għall-ożonu, kif ukoll għall-materja partikulata.

**Tabella 7: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tas-saħħa pubblika** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Is-saħħa u l-inugwaljanzi fis-saħħa** | |
| L-istennija tal-għomor u s-snin ta' ħajja b'saħħitha (*) | Imwiet minħabba mard kroniku | Suwiċidji |
| | | : Bżonnijiet mhux sodisfatti fil-kura tas-saħħa |
| | **Determinanti tas-saħħa** | |
| | Produzzjoni ta' kimiċi tossiċi (**) | Espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja minn materja partikulata |
| | | Espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja mill-ożonu |
| | | Irritazzjoni minħabba l-istorbju (***) |
| | | Inċidenti serji fuq il-post tax-xogħol |

(*) Mill-2002, ibbażat biss fuq l-istennija tal-għomor.

(**) Mill-2002.
(***) Mill-2005.

### *Indikatur ewlieni*

It-titjib fl-istennija tal-għomor juri li kien hemm progress fil-promozzjoni ta' ħajja itwal u aktar b'saħħitha għaċ-ċittadini tal-UE. L-istennija tal-għomor mat-twelid għall-irġiel u għan-nisa kiber b'4 u bi 3 xhur fis-sena rispettivament bejn l-2002 u l-2008. Jidher ukoll li l-istennija tal-għomor tal-irġiel qed tilħaq lil dik tan-nisa.

*Il-persuni fl-UE qed jgħixu aktar, u qed tonqos id-diskrepanza bejn l-irġiel u n-nisa*

### *Is-saħħa u l-inugwaljanzi fis-saħħa*

It-titjib fis-saħħa jidher f'bosta indikaturi. Ir-rata ta' mwiet minħabba mard kroniku, li jikkostitwixxi l-kawża ewlenija ta' mwiet qabel iż-żmien fl-UE, naqset bi 2.0 % fis-sena bejn l-2000 u l-2008 għall-persuni ta' età inqas minn 65 sena. It-titjib fis-saħħa mentali, kif rifless fil-bidliet fir-rata ta' suwiċidji, jidher ukoll bejn l-2000 u l-2008. Ir-rata globali ta' suwiċidji fl-UE naqset kull sena b'medja ta' 1.9 % fost adoloxxenti kbar, u bi 3.6 % fost il-persuni li għandhom aktar minn 85 sena. L-eċċezzjoni hija fost il-persuni ta' mezza età, fejn żieda fir-rata ta' suwiċidji li bdiet fl-2007, ġiet relatata mal-qgħad u d-dejn li rriżultaw mill-kriżi finanzjarja.

*Inqas persuni jmutu minn mard kroniku jew suwiċidju. Madankollu l-kriżi finanzjarja laqtet lill-persuni ta' mezza età*

Bejn l-2005 u l-2009, il-proporzjon ta' persuni li rrappurtaw bżonnijiet mhux issodisfati fil-kura tas-saħħa, waqa' għall-gruppi kollha bi dħul. Madankollu, il-proporzjon tal-ifqar persuni li rrappurtaw bżonnijiet mhux ssodisfati fil-kura tas-saħħa, xorta għadu tmien darbiet aktar minn dak għall-ogħla grupp tad-dħul.

*Minkejja li sar titjib, l-infiq assoċjat mat-trattament mediku xorta jippreżenta ostaklu lill-ifqar persuni*

### *Determinanti tas-saħħa*

Il-produzzjoni ta' kimiċi tossiċi fl-UE naqset b'medja ta' 1.8 % fis-sena bejn l-2002 u l-2009. Madankollu, ma saret l-ebda bidla fis-sehem tagħhom tal-produzzjoni ġenerali tal-kimiċi, u l-ebda ċaqliq fis-sehem tal-klassijiet l-aktar tossiċi tal-kimiċi.

*Minkejja l-waqgħa fil-produzzjoni ta' kimiċi tossiċi, ma sar l-ebda ċaqliq lejn aktar tnaqqis ta' tossiċità*

L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għat-tniġġis tal-arja minn materja partikulata naqset b'0.4 % fis-sena, iżda tibqa' 'l bogħod mill-mira għall-2010, waqt li l-espożizzjoni għall-ożonu kibret bi 2.8 % fis-sena bejn l-2000 u l-2008. Madankollu mhuwiex possibbli li jintwerew xejriet ċari, minħabba li dawn l-indikaturi jvarjaw minn sena għall-oħra, u l-bidliet fil-konċentrazzjonijiet tal-arja huma ħafna drabi l-konsegwenza tal-kawżi naturali u seminaturali, bħal pereżempju n-nirien tal-foresti u l-estremi tal-klima.

*L-espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja ma tantx tjiebet f'żoni urbani*

In-numru ta' popolazzjoni fl-UE li tgħid li tbati minn storbju eċċessiv naqas b'mod favorevoli b'medja ta' 1.5 % fis-sena matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2009.

L-isforzi li saru biex jitjiebu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol wasslu għall-progress fl-UE, li huwa essenzjalment konsistenti mal-mira ta' tnaqqis ta' 25 % ta' inċidenti serji fuq il-post tax-xogħol matul il-perjodu bejn l-2007 u l-2012.

*Inqas persuni huma irritati bl-istorbju, u n-numru ta' inċidenti serji fuq il-post tax-xogħol naqas*

## Tibdil fil-klima u l-enerġija

Għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi tat-tibdil fil-klima u l-enerġija l-progress sa mill-2000 lil hawn kien relattivament tajjeb, b'mod partikolari fit-tieni nofs tad-deċennju, waqt li xi xejriet sfavorevoli jibqgħu jidhru għal numru żgħir biss ta' indikaturi. Minkejja li t-trasformazzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju diġà tidher f'xi indikaturi, l-ekonomija tal-UE għadha intensiva fl-enerġija u l-karbonju, u

l-biċċa l-kbira tal-indikaturi f'din it-tema huma relatati fil-qrib mat-tkabbir ekonomiku. Għalhekk, huwa mistenni li l-kriżi ekonomika ikollha impatt konsiderevoli fuq il-kwistjonijiet diskussi f'dan il-kapitolu. B'mod ġenerali, il-bidliet fit-xejriet matul l-2008 u l-2009 mhumiex ir-riżultat ta' bidliet profondi u strutturali, iżda pjuttost ta' interruzzjoni temporanja ta' xejriet fuq perjodu itwal.

L-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra (GHG) fl-UE-27 naqsu bejn l-2000 u l-2009, u x'aktar dan il-pass se jissodisfa l-mira ta' tnaqqis b'20 % sal-2020. L-UE-15 ukoll tinsab fit-triq li tissodisfa l-mira kollettiva tal-Protokoll ta' Kjoto, li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG bi 8 % taħt il-livelli tal-1990 fil-perjodu ta' impenn bejn l-2008 u l-2012. Bl-istess mod, l-UE tinsab f'qagħda li tilħaq il-mira ta' sehem ta' 20 % tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali gross sal-2020.

Żviluppi favorevoli jistgħu jidhru wkoll fl-intensità ta' gass bl-effett ta' serra tal-konsum tal-enerġija, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport, u s-sħana u l-enerġija kkumbinati flimkien. B'kuntrast għal dan, il-mira għall-2010 b'sehem ta' 21 % ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni tal-elettriku, x'aktar mhijiex se tintlaħaq, minkejja li s-sehem żdied bejn l-2000 u l-2009. Id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-enerġija[6] kibret b'mod konsiderevoli mill-2000 lil hawn, b'madwar 54 % tal-konsum tal-enerġija jkun issodisfat mill-importazzjoni minn barra l-UE. Ir-rata tat-taxxa impliċita fuq l-enerġija waqgħet mill-2000 lil hawn, li hija inkonsistenti mal-objettiv tal-UE li ċċaqlaq il-piż tat-taxxa mix-xogħol għall-użu tar-riżorsi.

**Tabella 8: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tat-tibdil fil-klima u l-enerġija** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Tibdil fil-klima** | |
| Emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra | : Emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra skont is-settur | Intensità tal-gass bl-effett ta' serra tal-konsum tal-enerġija<br>: Temperatura globali medja tal-wiċċ |
| | **Enerġija** | |
| Konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (*) | Dipendenza fuq l-enerġija | Konsum tal-enerġija gross intern<br>Ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli<br>Konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport*<br>Sħana u enerġija kkumbinati flimkien (**)<br>Rata tat-taxxa impliċita fuq l-enerġija |

(*) Mill-2006.
(**) Mill-2004.

***Indikaturi ewlenin***

*L-UE-27 fit-triq biex jilħaq il-mira għall-2020 dwar l-emissjonijiet ta' GHG, u l-impenji ta' Kjoto tal-UE-15 x'aktarx se jintlaħqu*

Fl-2009, l-emissjonijiet ta' GHG fl-UE-27 kienu 17.4 % taħt il-livelli tal-1990. Dan iwassal biex x'aktar tintlaħaq il-mira li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG b'20 % sal-2020,. Barra minn hekk, fl-2009 l-emissjonijiet ta' GHG tal-UE-15 kienu 12.7 % taħt il-valur bażi ta' Kjoto. Għalhekk, il-pajjiżi tal-UE-15 x'aktar jaqbżu l-impenn kollettiv ta' Kjoto li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG bi 8 % bejn l-2008 u l-2012.

*L-UE fit-triq li tilħaq il-mira tagħha għas-sorsi*

Minħabba bidliet fil-metodoloġija, id-dejta għat-tieni indikatur ewlieni ta' "konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli" huma disponibbli biss mill-2006 sal-2008. Jekk il-pass attwali ta' bidla jinżamm matul dan il-perjodu qasir, l-UE x'aktar se tissodisfa l-mira li tilħaq sehem ta' 20 % ta' sorsi tal-enerġija

[6] Il-fjuwil meħtieġ għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari mhuwiex inkluż fl-importazzjonijiet tal-enerġija.

rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali gross stabbilit għall-2020.

*tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija*

### *Tibdil fil-klima*

B'xi eċċezzjonijiet notevoli, il-proporzjonijiet tal-emissjonijiet totali ta' GHG (esklużi l-bunkers internazzjonali u l-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija) li joħorġu minn kull kategorija tas-sors ewlieni fl-UE-27, inbidlu pjuttost bi ftit bejn l-1990 u l-2009. Il-bidliet ewlenin kienu t-tnaqqis mill-industriji tal-manifattura u l-kostruzzjoni (minn 14.8 % sa 11.5 %), u minn proċessi industrijali (minn 8.3 % sa 7 %), kif ukoll żieda mill-aktar notevoli minn 13.8 % sa 20.2 % mit-trasport. Il-bidliet fl-ishma li joħorġu minn kategorji oħrajn kienu minuri.

*Waqt li s-sehem tal-emissjonijiet minn proċessi ta' manifattura, kostruzzjoni u industrija waqa', żdied is-sehem tal-emissjonijiet mit-trasport*

L-intensità tal-gass bl-effett ta' serra tal-konsum tal-enerġija naqset moderatament bejn l-2000 u l-2009, għalkemm b'pass inqas mgħaġġel minn dak matul id-disgħinijiet. Il-bidla għal fjuwils b'inqas karbonju hija responsabbli l-aktar għat-tnaqqis.

*Id-deċennju 2001-2010 kien l-aktar wieħed sħun li qatt ġie rreġistrat*

Bejn l-2001 u l-2010, it-temperatura globali medja tal-wiċċ kienet ta' 0.46 °C aktar mill-medja ta' bejn l-1961 u l-1990, u dan wassal biex dan id-deċennju jkun l-aktar perjodu ta' għaxar snin sħun li qatt ġie rreġistrat. Dan isegwi t-tendenza fit-temperatura fejn is-snin 2000 kienu aktar sħan mid-disgħinijiet, li kienu aktar sħan mit-tmeninijiet u d-deċennji ta' qabel.

### *Enerġija*

Id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-enerġija baqgħet pjuttost kostanti b'madwar 45 % fid-disgħinijiet. Madankollu, bejn l-2000 u l-2009, id-dipendenza fuq l-enerġija żdiedet b'mod sostanzjali, u laħqet it-53.9 % fl-2009.

*L-UE timporta aktar min-nofs l-enerġija tagħha*

Id-domanda tal-enerġija fl-UE naqset bi ftit. Wara li żdiedet b'rata kostanti matul il-bidu tas-snin 2000, niżlet bejn l-2006 u l-2009. B'mod ġenerali, it-tnaqqis fil-konsum ta' fjuwils solidi ġie kkumpensat minn użu akbar ta' gass naturali u sa ċertu punt, ta' sorsi ta' enerġiji rinnovabbli.

*Id-domanda tal-enerġija fl-UE naqset bi ftit mill-2000 lil hawn*

Is-sehem tas-sorsi ta' enerġiji rinnovabbli fil-produzzjoni tal-elettriku fl-UE kiber minn 13.8 % fl-2000 għal 16.7 % fl-2008. Minkejja ż-żieda, l-UE x'aktarx ma tilħaqx il-mira ta' 21 % stabbilita għall-2010. B'kuntrast ma' dan, is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport kiber b'mod aktar mgħaġġel bejn l-2006 u l-2008 għal 3.5 % tal-fjuwils tat-trasport. Li kieku r-rata attwali ta' tkabbir kellha tkompli, l-UE tilħaq il-mira ta' 5.75 % stabbilita għall-2010. Madankollu, minħabba li d-dejta tkopri biss tliet snin, dan għandu jiġi ttrattat b'attenzjoni.

*X'aktar l-UE mhix se tilħaq il-mira tagħha għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-elettriku, iżda hija fit-triq li tilħaq il-mira għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport*

L-iżvilupp ta' koġenerazzjoni jew ta' sħana u enerġija kkumbinati flimkien (CHP), li tgħaqqad il-produzzjoni ta' sħana utli mal-ġenerazzjoni tal-elettriku, kien stabbli iżda bil-mod, u jilħaq sehem ta' 11.4 % tal-ġenerazzjoni grossa tal-elettriku fl-2009.

*Progress modest fil-koġenerazzjoni*

Ir-rata tat-taxxa impliċita tal-UE fuq l-enerġija naqset bejn l-2000 u l-2009. It-tnaqqis fil-piż effettiv tat-taxxa mhuwiex konsistenti mal-objettiv tal-UE li ċċaqlaq it-tassazzjoni mix-xogħol għall-konsum tar-riżorsi u l-enerġija, bħala għodda ta' politika għall-avvanz tal-għanijiet ambjentali u ż-żieda tax-xogħol.

*L-ebda ċaqliq tat-tassazzjoni mix-xogħol għall-enerġija*

## Trasport sostenibbli

B'mod ġenerali, il-bidliet mill-2000 lil hawn rigward it-trasport sostenibbli jippreżentaw stampa pjuttost sfavorevoli, għalkemm ukoll b'xi xejriet favorevoli. Għalhekk, l-istampa ppreżentata hawn hija inqas ħarxa minn dik ippreżentata fl-edizzjoni preċedenti ta' dan ir-rapport, minkejja li dan huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu minħabba l-effett imnaqqas tal-kriżi ekonomika, li kellha l-effett li tnaqqas id-domanda għat-trasport u l-impatti negattivi tiegħu.

It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fl-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra bejn l-2007 u l-2008 huwa konsegwenza tal-kriżi ekonomika aktar milli tax-xejra stabbli u fit-tul lejn id-diżakkoppjar assolut. Anke jekk sar progress fid-diżakkoppjar tat-trasport u l-konsum tal-enerġija tiegħu mill-iżvilupp ekonomiku, id-diżakkoppjar kien biss relattiv. Barra minn hekk, la t-trasport tal-merkanzija u lanqas it-trasport tal-passiġġieri ma wrew xi ċaqliq lejn modi ta' impatti ambjentali iktar baxxi. Kien hemm tnaqqis sostanzjali fil-medja ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' karozzi ġodda, u fl-imwiet ikkawżati minn inċidenti tat-traffiku. Ix-xejra ta' tnaqqis kontinwu fl-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu u ta' materja partikulata saħansitra żdiedet mill-2000 lil hawn.

**Tabella 9: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tat-trasport sostenibbli** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | | **Trasport u mobilità** |
| Konsum tal-enerġija tat-trasport relattiv għall-PDG | Qasma modali tat-trasport tal-merkanzija | Volum tat-trasport tal-merkanzija relattiv għall-PDG (*)<br>Volum tat-trasport tal-passiġġieri relattiv għall-PDG |
| | Qasma modali tat-trasport tal-passiġġieri | Investiment fl-infrastruttura tat-trasport<br>: Prezzijiet tat-trasport tal-passiġġieri |
| | | **Impatti tat-trasport** |
| | Emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra mit-trasport | Medja ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ għal kull km minn karozzi tal-passiġġieri ġodda (***)<br>Emissjonijiet ta' $NO_x$ mit-trasport |
| | Persuni maqtula f'inċidenti tat-traffiku (**) | Emissjonijiet ta' materja partikulata mit-trasport |

(*) Mill-2004.
(**) Mill-2001.
(***) Mill-2007.

### *Indikatur ewlieni*

Il-konsum tal-enerġija tat-trasport kiber b'rata inqas mgħaġġla mill-ekonomija mill-2000 lil hawn u għalhekk, il-proporzjon bejn il-konsum tal-enerġija u l-PDG waqa' moderatament bejn l-2000 u l-2009, waqt li jindika diżakkoppjar relattiv żgħir bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-konsum tal-enerġija tat-trasport. Madankollu, ir-relazzjoni bejn it-tnejn xorta waħda għadha tidher mill-waqa' parallela fil-konsum tal-enerġija malli staġnat l-ekonomija fl-2008.

*Il-konsum tal-enerġija tat-trasport kiber b'rata ftit inqas mgħaġġla mill-PDG*

### *Trasport u mobilità*

Bejn l-2000 u l-2009, is-sehem modali tat-trasport tal-merkanzija fit-toroq interni fl-UE tela' għal 77.5 %, waqt li s-sehem tat-trasport bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni naqas bi ftit matul l-istess perjodu. Dawn il-bidliet kienu akkumpanjati bit-tkabbir tal-prestazzjoni tat-trasport (tunnellata-km) bejn l-2000 u l-2007, u kien biss fl-2008 li l-prestazzjoni tal-merkanzija bdiet tinżel pari man-nuqqas fit-tkabbir ekonomiku riżultat tal-kriżi ekonomika. It-trasport tal-

*Żieda fis-sehem tat-toroq fit-trasport tal-merkanzija*

*Diżakkoppjar*

merkanzija kompla jinżel fl-2009, u wassal għal diżakkoppjar assolut bejn it-tkabbir ekonomiku u t-trasport tal-merkanzija matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2009.

*assolut bejn it-trasport tal-merkanzija u l-ekonomija*

Is-sehem modali fit-trasport tal-passiġġieri baqa' pjuttost stabbli bejn l-2000 u l-2008, minkejja li kien hemm żidiet minuri fit-trasport bil-karozzi u bil-ferroviji (li jammontaw għal 83.3 % u 7.3 % rispettivament fl-2008), askapitu ta' tnaqqis żgħir fis-sehem tal-karozzi tal-linja u tal-kowċis. Il-volumi tat-trasport tal-passiġġieri fl-UE segwa żvilupp simili għal dak tat-trasport tal-merkanzija, għalkemm it-tnaqqis ta' 0.4 % fl-2008 kien aktar moderat minn dak tat-trasport tal-merkanzija, bi tnaqqis ta' 1.4 %. Minħabba li l-volumi tat-trasport tal-passiġġieri żdiedu b'rata aktar baxxa mill-PDG matul dan il-perjodu, kien hemm diżakkoppjar relattiv bejn il-volumi tat-trasport tal-passiġġieri u l-PDG.

*Diżakkoppjar relattiv bejn it-trasport tal-passiġġieri u l-PDG*

Minkejja li s-sehem tal-investimenti tal-infrastuttura tat-toroq u l-ajruporti naqas minn 66 % fl-2000 għal 59 % fl-2003 reġa' żdied għal 68 % fl-2009. Mudell ta' żvilupp oppost ġie osservat fl-ishma ta' investimenti għall-ferroviji, it-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni u l-portijiet tal-baħar, li naqsu minn 34 % għal 32 % matul l-istess perjodu.

*It-toroq xorta waħda jkollhom l-akbar sehem fl-investiment tal-infrastruttura*

Bejn l-2000 u l-2010, il-prezzijiet tas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri bit-toroq, bil-ferroviji u bis-servizzi tat-trasport bl-ajru żdiedu kollha b'mod sostanzjali, għalkemm b'rati differenti. L-ogħla żieda annwali fil-prezz ġiet irreġistrata għas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri bit-toroq (jiġifieri karozzi tal-linja u kowċis) b'medja ta' 4.2 %, segwita mill-ferroviji (4.0 %) u mill-ajru (2.8 %). Il-prezzijiet għat-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport personali u l-ispejjeż tax-xiri ta' vetturi żdiedu b'medja ta' 3.5 % u 0.6 % rispettivament bejn l-2000 u l-2010. Għalhekk, f'termini relattivi, il-prezzijiet żdiedu inqas għat-trasport bit-toroq permezz ta' vetturi privati u l-avjazzjoni, dan tal-aħħar ikun il-mod tat-trasport bil-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra li qed jikbru l-aktar malajr.

*Il-prezzijiet għas-servizzi tat-trasport bit-toroq u l-ferroviji kibru b'rata aktar mgħaġġla minn dawk tat-trasport bl-ajru*

### *Impatti tat-trasport*

Bejn l-2000 u l-2009, l-emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra mit-trasport fl-UE kibru b'rata inqas mgħaġġla milli matul il-perjodu bejn l-1990 u l-2000. Bħala konsegwenza tat-tnaqqis fid-domanda tat-trasport matul il-kriżi ekonomika, kien hemm tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' GHG mit-trasport fl-2008 (-1.7 %) u fl-2009 (-2.8 %).

*Naqset iż-żieda ta' emissjonijiet ta' gass bl-effett ta' serra mit-trasport*

Minħabba li t-toroq jiddominaw l-emissjonijiet totali ta' GHG mit-trasport, l-iżvilupp tal-medja ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' karozzi ġodda għandu rwol importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet globali ta' GHG mit-trasport. Bejn l-2007 u l-2009, inkiseb xi progress u kien hemm tnaqqis annwali medju ta' 4.2 % fl-UE, b'karozzi ġodda li jitfgħu medja ta' 145.7 grammi ta' $CO_2$ għal kull km fl-2009. Ir-rati attwali ta' tnaqqis jidhru li huma suffiċjenti biżżejjed biex jilħqu l-mira ta' 130 gramma ta' $CO_2$ kull km sal-2015.

*Progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ minn karozzi ġodda*

B'kuntrast maż-żieda tal-emissjonijiet ta' GHGs, l-emissjonijiet ta' sustanzi ta' ħsara li jniġġsu fl-arja bħall-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) u l-materja partikulata (PM) bdew jonqsu b'rata kostanti sa mill-1990, minħabba l-issikkar progressiv tal-istandards tal-emissjonijiet. Il-livelli attwali tal-emissjonijiet ta' $NO_x$[7] u

*Fl-2008 żdied it-tnaqqis stabbli ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja*

[7] L-ossidi tan-nitroġenu, l-ossidu nitriku (NO) u d-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) huma gassijiet bl-aċidu, li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent.

[8] Materja partikulata fina b'dijametru ajrudinamiku medju ta' 2.5µm. Hija assoċjata ma' mard ċirkolatorju fil-bniedem.

PM2.5[8] huma baxxi aktar minn 30 % ta’ li kienu fl-1990. Mill-figuri tal-2008 jidher li dan il-proċess kompla jitgħaġġel minħabba t-tnaqqis tal-volumi tat-trasport li rriżulta mill-kriżi ekonomika.

*Ikomplu jonqsu l-imwiet fl-inċidenti tat-traffiku*

Il-miżuri sabiex jonqsu l-imwiet ikkawżati minn inċidenti tat-traffiku fl-UE wasslu biex in-numru ta’ persuni maqtula jonqos b’iktar min-nofs mill-1991 lil hawn. Il-progress bejn l-2007 u l-2009 kien b’saħħtu sew, u dan ġie relatat mal-inċertezza finanzjarja li rriżultat mill-kriżi ekonomika. Madankollu, il-progress qiegħed aktar lura minn dak meħtieġ biex jitnaqqsu l-imwiet fit-toroq b’50 % bejn l-2001 u l-2010.

## Riżorsi naturali

Il-bidliet fit-tema tar-riżorsi naturali mill-2000 lil hawn juru kemm xejriet favorevoli, kif ukoll xejriet sfavorevoli. Minn naħa, sar progress kontinwu fl-għażla taż-żoni protetti u fil-kwalità tal-ilma, u l-ħsad tal-injam mill-foresti għadu sostenibbli. L-abbundanza u d-diversità ta’ għasafar komuni ġew stabbilizzati, għalkemm fi stat sostanzjalment agħar minn dak li kienu fih fl-1990 u d-deċennji ta’ qabel. Min-naħa l-oħra, l-istokkijiet tal-ħut tal-baħar jibqgħu mhedda, waqt li l-art mibnija tkompli tiżdied għad-detriment ta’ oqsma b’art seminaturali.

**Tabella 10: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tar-riżorsi naturali** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Bijodiversità** | |
| Abbundanza ta’ għasafar komuni (*) | Żoni protetti (**) | |
| | **Riżorsi tal-ilma ħelu** | |
| | : Astrazzjoni tal-ilma | Kwalità tal-ilma fix-xmajjar (***) |
| | **Ekosistemi tal-baħar** | |
| Konservazzjoni ta’ stokkijiet ta’ ħut | | : Kapaċità tas-sajd |
| | **Użu tal-art** | |
| | Żieda fl-art mibnija (****) | Żieda fil-foresti u l-qtugħ |

(*) Aggregat tal-UE bbażat fuq 19-il Stat Membru.
(**) UE-25, mill-2006.
(***)Aggregat ibbażat fuq 19-il pajjiż Ewropew.
(****) Aggregat tal-UE bbażat fuq 23 Stat Membru.

### *Indikaturi ewlenin*

*Il-popolazzjonijiet ta’ għasafar komuni qed jirkupraw, iżda f’livelli iktar baxxi mid-deċennji ta’ qabel*

L-indiċi tal-UE għall-għasafar komuni kollha beda jiġi stabbilizzat mill-2000 wara t-tnaqqis serju matul id-deċennji ta' qabel. L-irkupru kien partikolarment evidenti fil-ġeneralisti tal-abitat u l-ispeċi tal-foresti. Min-naħa l-oħra, il-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba’ komuni għadhom jonqsu.

*Il-qabdiet tal-ħut jibqgħu ’l barra mil-limiti bijoloġiċi siguri*

Il-qabdiet totali tal-ħut meħuda mill-istokkijiet ’il barra mil-limiti bijoloġiċi siguri laħqu kważi l-24 % fl-2009. Bħalissa, il-qabdiet tal-ħut ta’ kważi l-kategoriji kollha jaqbżu sew il-grad sostenibbli tal-esplojtazzjoni.

### *Bijodiversità*

*Iż-żoni protetti qed joqorbu lejn is-suffiċjenza*

Fl-2010, iż-żoni magħżula għall-konservazzjoni tan-natura fl-UE-25 laħqu d-89% ta' dak li huwa kkunsidrat bħala neċessarju sabiex jipprovdi abitat suffiċjenti biex iħares il-bijodiversità. Qed jonqsu d-differenzi fil-livell ta’ implimentazzjoni bejn l-Istati Membri l-antiki u dawk li ngħaqdu reċentament mal-UE, u fl-2010 l-valur medju tas-27 Stat Membru kien ta' 98 %. Għalkemm l-implimentazzjoni kważi

tlestiet f'termini taż-żoni koperti, hemm bżonn ta' iktar progress fit-termini tal-amministrazzjoni tas-siti magħżula u l-konnettività bejn is-siti.

### *Riżorsi tal-ilma ħelu*

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li għalihom hija disponibbli d-dejta, ġiet stabbilita l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ. Ir-rati tal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art għadhom f'livelli għolja jew f'livelli mhux sostenibbli f'xi pajjiżi. Id-differenzi kbar fir-rati bejn il-pajjiżi jistgħu jiġu relatati mal-karatteristiċi tal-klima ġeografika, kif ukoll l-importanza relattiva tas-setturi ekonomiċi speċifiċi, bħal pereżempju t-turiżmu u l-agrikoltura f'xi reġjuni Ewropej.

*Il-kwalità tal-ilma ħelu qed titjib fix-xmajjar u r-rati tal-astrazzjoni ġew stabbilizzati*

Mill-2000 sal-2008, il-konċentrazzjoni ta' materja organika bijodegradabbli u sustanzi oħra li jniġġsu n-nutrijenti fix-xmajjar naqset mal-Ewropa kollha[9], u dan jindika titjib ċar fil-kwalità tal-ilma ħelu. Id-Direttiva dwar id-Drenaġġ Urban u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma huma fost il-muturi ewlenin ta' din ix-xejra ewlenija.

### *Ekosistemi tal-baħar*

Il-flotta tas-sajd tal-UE-15, kif ikkalkulata bil-qawwa totali tal-magna tal-bastimenti, naqset kontinwament, bl-għan li l-kapaċità tas-sajd titqabbel mal-istokkijiet disponibbli. Madankollu, it-teknoloġija u l-effiċjenza tas-sajd fl-istess ħin tjiebu tant li l-kapaċità ġenerali tas-sajd ma naqsitx.

*Minkejja t-tnaqqis fil-flotta tas-sajd, il-kapaċità tas-sajd ma naqsitx*

### *Użu tal-art*

L-art mibnija kompliet tieħu mill-art agrikola u l-art seminaturali bejn l-2000 u l-2006. L-ogħla rata ta' tkabbir kienet għas-siti tal-minjieri, ir-rimi u l-kostruzzjoni, segwita min-netwerks tat-trasport. Il-frammentazzjoni tal-ekosistemi assoċjati mat-tali strutturi lineari estensivi hija ta' pressjoni kbira fuq il-bijodiversità.

*Jibqa' jsir bini f'żoni ta' art naturali*

Bejn l-2000 u l-2010, il-qtugħ ta' siġar żdied bi ftit, waqt li kien hemm tnaqqis sostanzjali fiż-żieda tal-foresti. Dan wassal f'żieda konsiderevoli fir-rata ta' użu tal-foresti (il-proporzjon bejn il-qtugħ u ż-żieda). Madankollu, il-ħsad tal-injam għadu sostenibbli.

*Il-qtugħ tal-foresti għadu sostanzjali*

## Sħubija globali

L-istampa ġenerali ppreżentata mill-indikaturi fit-tema tas-sħubija globali hija pjuttost favorevoli. Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi wrew tendenza favorevoli mill-2000 lil hawn, b'mod partikolari dawk dwar il-flussi tal-kummerċ, il-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali. Madankollu, l-UE mhijiex fit-triq lejn l-indikatur ewlieni, li jikkalkula s-sehem tad-dħul nazzjonali gross maħsub għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Barra minn hekk, ħafna indikaturi żviluppaw b'mod sfavorevoli matul il-perjodu bejn l-2007 u l-2009, f'parallel mal-kriżi ekonomika globali.

---

[9] L-indikatur huwa pan-Ewropew, inklużi kemm l-Istati Membri, kif ukoll l-Istati mhux membri.

**Tabella 11: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tas-sħubija globali** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| Għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp | **Globalizzazzjoni tal-kummerċ** | |
| | Importazzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw | Sehem tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-inqas żviluppati<br>Sussidji għall-agrikoltura tal-UE |
| | **Finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli** | |
| | Finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw (*) | Sehem ta' investiment dirett barrani f'pajjiżi bi dħul baxx (**)<br>Sehem ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp għall-pajjiżi bi dħul baxx (*)<br>Sehem ta' għajnuna mhix marbuta (*)<br>Għajnuna għas-servizzi u l-infrastruttura soċjali (*)<br>: Għajnuna għall-ħelsien mid-dejn |
| | **Tmexxija tar-riżorsi globali** | |
| | : Emissjonijiet tas-$CO_2$ kull abitant | Għajnuna għall-provvista tal-ilma u s-sanità (*) |

(*) UE-15.
(**) Il-membri tal-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-UE.

### *Indikatur ewlieni*

Is-sehem tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għal għajnuna uffiċjali għall-assistenza (ODA) lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw żdied biss bi ftit bejn l-2005 u l-2010. Għalhekk, l-UE ma laħqitx il-mira intermedjarja tagħha ta' 0.56 % fl-2010. Lanqas ma tinsab fit-triq li tilħaq il-mira li toffri 0.7 % tad-DNG tagħha għall-ODA sal-2015.

*L-UE ma laħqitx il-mira tagħha tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp ta' 0.56 % tad-dħul nazzjonali gross fl-2010*

### *Globalizzazzjoni tal-kummerċ*

Is-sehem tal-importazzjoni minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-importazzjoni tal-UE żdied bejn l-2000 u l-2010. Fl-2009 kien hemm waqfien f'din ix-xejra minħabba l-kriżi ekonomika globali. L-importazzjoni mill-pajjiżi l-inqas żviluppati żdiedet b'mod konformi mal-objettiv tal-UE li jiżdiedu l-ishma tagħhom, iżda baqgħu baxxi b'mod ġenerali. Dawk is-sussidji tal-UE għall-agrikoltura li huma kklasifikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) bħala li jfixklu l-kummerċ naqsu b'aktar minn żewġ terzi bejn l-2000 u l-2007.

*Żdiedu l-importazzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw*

### *Finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli*

B'mod ġenerali, l-UE-15 provdiet aktar flus lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-2009 milli fl-2000, u dan juri x-xejra ġenerali fost id-donaturi. Sar progress moderat sabiex jiżdied is-sehem tal-pajjiżi bi dħul baxx fl-investiment dirett barrani (FDI) u l-għajnuna għall-iżvilupp. Madankollu, il-kriżi ekonomika globali wasslet għal tnaqqis fil-flussi bejn l-2007 u l-2008. Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi ma reġgħux laħqu l-livell tagħhom tal-2007. Ġiet indirizzata inqas għajnuna għall-iżvilupp ta' skopijiet ta' ħelsien mid-dejn fl-2009 milli fl-2000.

*Żdied il-finanzjament ġenerali tal-UE-15 għall-iżvilupp, iżda l-kriżi ekonomika kellha impatt negattiv*

### *Ġestjoni tar-riżorsi globali*

L-indikaturi għat-tmexxija tar-riżorsi globali wrew xejriet favorevoli. Naqset id-diskrepanza fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal kull abitant fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, iżda tibqa' sostanzjali. L-għeluq sar minħabba żieda fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u tnaqqis fl-UE. L-għajnuna għall-provvista tal-ilma u s-sanità żdiedet b'mod sostanzjali bejn l-2000 u l-2009.

*Qed tonqos id-diskrepanza bejn l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-UE u mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw*

## Governanza tajba

Ix-xejriet osservati fit-tema ta' governanza tajba mill-2000 lil hawn kienu mħallta. Kien hemm xejriet favorevoli fir-rigward ta' każijiet ta' ksur, kif ukoll l-użu u d-disponibbiltà tal-gvern elettroniku. B'żieda ma' dan, it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE kienet 'il fuq mir-rata maħsuba. Madankollu, kien hemm xejriet sfavorevoli fir-rigward tan-numru ta' persuni li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali parlamentari, li qegħdin ġeneralment jonqsu. Barra minn hekk, ix-xejriet fil-proporzjon tat-taxxi ambjentali mat-taxxi tax-xogħol juru li ma sar l-ebda ċaqliq lejn sehem ogħla tat-taxxi ambjentali fid-dħul totali tat-taxxa.

**Tabella 12: Evalwazzjoni tal-bidliet fit-tema tal-governanza tajba** *(UE-27, mill-2000)*

| Livell 1 | Livell 2 | Livell 3 |
|---|---|---|
| | **Koerenza tal-politiki u l-effettività** | |
| |  Każi ta' ksur (*) | : Kunfidenza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE <br>  Traspożizzjoni tal-liġi tal-UE (*) |
| | **Trasparenza u parteċipazzjoni** | |
| |  Numru ta' persuni li ħarġu jivvutaw |  Disponibbiltà tal-gvern elettroniku (*) <br>  Użu tal-gvern elettroniku (**) |
| | **Strumenti ekonomiċi** | |
| |  Taxxi ambjentali mqabbla mat-taxxi tax-xogħol | |

(*) Mill-2007.
(**) Mill-2005.

### *Koerenza tal-politiki u l-effettività*

Fl-2009, nofs iċ-ċittadini tal-UE qalu li kellhom fiduċja fil-Parlament Ewropew, li għamluh l-aktar fdat fost l-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE. Inqas ċittadini qalu li kellhom fiduċja fil-Kummissjoni Ewropea u fil-Kunsill tal-UE.

*Il-Parlament Ewropew huwa l-aktar fdat fost l-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE.*

Bejn l-2007 u l-2009, in-numru ta' każijiet ġodda ta' ksur fl-UE naqas konsiderevolment minn 212 għal 142. Dan ġara primarjament minħabba tnaqqis f'żewġ oqsma ta' politiki: Is-suq intern, u l-Ġustizzja u l-affarijiet interni. Madankollu, kien hemm differenzi sostanzjali bejn is-setturi differenti ta' politiki.

*It-tnaqqis fil-każijiet ġodda ta' ksur u t-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jinsabu 'l fuq mil-livell maħsub*

Fl-2001, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa mira ta' rata ta' 98.5 % ta' traspożizzjoni tal-liġi tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali. Minkejja li fl-2009, ir-rata ġenerali kienet xi ftit 'il fuq mill-mira ta' 98.5 %, bosta setturi ta' politiki wrew rati ta' traspożizzjoni iktar baxxi.

### *Trasparenza u parteċipazzjoni*

In-numru ta' persuni li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali parlamentari naqas bi ftit fl-UE kollha bejn l-2000 u l-2010. Ġeneralment, kien hemm parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fl-elezzjonijiet nazzjonali milli fl-elezzjonijiet parlamentari tal-UE.

*Tnaqqis żgħir fin-numru ta' persuni li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet*

*nazzjonali*

Id-disponibbiltà tal-gvern elettroniku fis-servizzi pubbliċi bażiċi hija estensiva fl-UE u bdiet tiżdied b'rata kostanti sa mill-2002, waqt li l-użu tiegħu miċ-ċittadini individwali żdied bejn l-2005 u l-2010. Madankollu, hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri.

*Id-disponibbiltà u l-użu tal-gvern elettroniku qed jiżdiedu*

### *Strumenti ekonomiċi*

Kien hemm ċaqliq mit-taxxi ambjentali għat-taxxi tax-xogħol fl-UE bejn l-2000 u l-2009. Dan mhuwiex konsistenti mal-objettiv tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli li jsir ċaqliq fit-tassazzjoni mix-xogħol għar-riżorsi u l-konsum tal-enerġija u/jew it-tniġġis.

*Naqas il-proporzjon tat-taxxi ambjentali mat-taxxi tax-xogħol*